**QORTI TAL-MAGISTRATI (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 u**
**Artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65**
**tal-Ligijiet ta' Malta,**
**L.S. 65.11 u**
**MVR 127**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

***Kumpilazzjoni Nru: 430/13***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nicholas Vella)**

**Vs**

**CLIFTON MANGION**
**(ID: 143991M)**

**Illum, 17 ta' Novembru, 2015.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **CLIFTON MANGION** gie mressaq quddiemha w akkuzat talli fit-22 ta' Gunju 2012 ghall-habta tas-sebgha neqsin ghoxrin ta' filghodu (06:40hrs) gewwa Triq Burmarrad, San Pawl il-Bahar:

1. Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBG-407 b'manjiera perikoluza.
2. U talli saq b'velocita' aktar milli jmissu.
3. B'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta'

Nicholas Briffa skond kif iccertifikat Dr. Veronica Aquilina M.D. mill-M.D.H.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex f'kaz ta' htija jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom okkorrenza a fol 6 et seq, affidavit ta' PC 1189 Jurgen Falzon a fol. 13, certifikat mediku a fol. 14, affidavit ta' Veronica Aquilina a fol. 15, affidavit ta' PS 1574 Renaldo Cremona a fol. 16 et seq, dokument mahrug mill-Isptar Mater Dei a fol. 18 et seq, affidavit ta' Dr. Vladimir Antonov a fol. 34, certifikat mediku mahrug mill-konsulent Mr. J.N. Borg a fol. 36 u affidavit ta' Dr Ada Watkinson Gatt a fol. 37, u Case Summary a fol. 38 et seq.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

Rat l-affidavit ta' **PC 1189 Jurgen Falzon** kif esebit fl-atti a fol. 13 u minn ezami tal-istess jirrizulta li dan huwa identitiku fil-kontenut bhall-affidavit rilaxxjat minn PS 1574 Renaldo Cremona bid-differenza li dan ix-xhud ma telax jixhed fil-Qorti viva voce kif ghamel PS 1574. Illi a skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti mhix ser tipproduci dak li qal dan ix-xhud stante li sejra tipproduci dak li qal PS 1574 Renaldo Cremona li huwa identitiku.

Rat l-affidavit ta' **PS 1574 Renaldo Cremona** fejn iddikjara li fit-22 ta' Gunju, 2012 ghall-habta ta' sebgha neqsin ghoxrin ta' filghodu (06:40hrs), waqt li huwa flimkien ma' PC1189, kienu telghin it-telgha ta' Triq Burmarrad, San Pawl il-Bahar bil-vettura tas-servizz numru GVP-088, fuq

il-*lane* ta' barra wara t-traffiku, ftit metri 'l isfel mid-dawra ghal Vjal Millbrae, Mosta (hdejn it-triq li twassal ghall-Bidnija), nnutaw *bowser* bin-numru tar-registrazzjoni CBG-407 tiela' b'velocita' qawwija fuq il-*lane* ta' gewwa w li beda jross kemm jiflah mal-vettura tas-servizz, fejn ghal ftit ma laqathiex. Gara li dak il-hin, fl-istess triq kien tiela' ciklist fuq l-istess karreggjata, ezatt mal-bankina w li gara kien li meta x-xufier tal-*bowser* ra li kien ser jolqot il-vettura tas-servizz, dan rega' rass 'il gewwa f'daqqa bil-konsegwenza li laqat ic-ciklist u waqqghu mal-art.

Ix-xhud u l-kollega waqfu mmedjatment mal-genb tat-triq, u nizlu jaraw x'kien gralu c-ciklist, certu Nicholas Briffa, fejn dan stqarr maghhom li huwa kien wegga' dahru, li f'daqqa wahda dan deher jistordi u jintilef minn sensih ghal ftit hin. Fuq il-post issejhet l-ambulanza, assistita minn SRN's Peter Spiteri u Lawrence Debono, li taw l-ewwel ghajnuna medika lill-vittma, cioe' lil Nicholas Briffa. Wara l-vittma' gie mtella' fuq *stretcher* u ttiehed l-isptar ghall-kura.

Ix-xhud wara kien kellem lix-xufier tal-*bowser* certu Clifton Mangion u meta dan gie mwiddeb minnu ghalfejn huwa kien saq il-*bowser* b'dik il-manjiera, dan wiegeb li skond hu bilfors ikollu jaghmel hekk, ghall-fatt li huwa kellu t-taghbija w bilfors kellu jirranka l-*bowser* peress li kien f'telgha.

Ix-xhud qal li kien ghall-habta tad-disgha neqsin ghaxra ta' filghodu (08.50 hrs) meta kien ghamel kuntatt mal-*Casualty Department* fejn gie mitkellem minn Dr. Justin Bugeja MD, Med. Reg. No. 5275 fejn din kienet infurmatu li l-vittma kienet f'qaghda stabbli, pero' kien sofra griehi ta' natura gravi, ghall-fatt li dan kellu *fracture* f'dahru.

Ta' min jinnota li r-rota (bicycle) li kien biha l-vittma li kienet tal-marka Bianci ta' lewn celesti, giet migbura mill-pulizija u mehudha l-ghassa tal-

Mosta w ghall-habta tas-siegha neqsin kwart ta' wara nofsinhar (12.45hrs), kien mar l-ghassa tal-Mosta t-tifel tal-vittma, certu Thomas Briffa li ha lura r-rota ta' missieru.

Qal ukoll li nhar il-25 ta' Gunju 2012, hu kien mar gabar ic-certifikat mediku mill-'*causualty department*', mahrug minn Dr. Veronica Aquilina MD, Med. Reg. No. 5264, fejn fih kien hemm miktub li l-vittma kien sofra griehi ta' natura gravi li kienu jikkonsistu fi*: "Fracture auterior part L1 vertebral body, Abrasion Rt ankle over lateral malleolun 1 cm, Abrasion Rt elbow 2cm*". Ix-xhud ipprezenta kopja ta' dan ic-certifikat mediku mal-affidavit tieghu (fol. 18 et seq).

Kompla li kien informa bil-kaz lill-Ispettur Joseph Busuttil mill-ghassa tal-Qawra, fejn kien gie deciz li kellhom jinhargu l-akkuzi ghall-Qorti.

Clifton Mangion sussegwentement kien gie nfurmat verbalment mix-xhud li kien ser jinhargu l-akkuzi ghall-Qorti fil-konfront tieghu, fejn l-akkuzi ghall-Qorti nhargu f'dan ir-rigward.

**PS 1574 Renaldo Cremona** xehed viva voce il-Qorti nhar is-17 ta' Novembru, 2014 fejn qal li jiftakar li fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju, tas-sena elfejn u tnax (2012) ghall-habta tas-sebgha neqsin kwart (6:45) ta' filghodu, hu flimkien ma' PC 1189 Jurgen Falzon kienu telghin bil-vettura tas-servizz numru ta' registrazzjoni GVP-088, it-telgha Triq Burmarrad u appena waslu ftit 'l isfel minn triq li tinfed ghal Vjal Mimbra, nnutaw *bowser* bin-numru tar-registrazzjoni CBG-407 tiela' b'velocita' qawwija minn fuq il-*lane* ta' gewwa u beda jross kemm jiflah mal-karozza tas-servizz. Ix-xhud tenna li fuq in-naha ta' gewwa kien hemm ukoll ciklist li kien tiela'.

Ix-xhud xtaq jaghmel referenza ghall-affidavit tieghu li jinsab inserit fl-atti a fol. sittax (16) tal-process, u ghal darb' ohra jikkonferma l-kontenut tieghu. Ix-xhud jghid li l-incident per se ma rahx ghaliex warajhom kien hemm il-*bowser* li kien qieghed jghatti l-vizjoni tieghu u x-xufier tal-*bowser* talbu biex jinzel ha jara li ma kien hemm l-ebda marka fuq il-*bowser* in kwistjoni. Meta gie mistoqsi jekk dak il-hin rax xi hsarat fir-rota, ix-xhud wiegeb li sa fejn jaf hu ma ra xejn.

**L-Ispettur Nicholas Vella** xehed fis-26 t'Awissu 2014. Qal li fit-22 ta' Gunju, 2012 ghall-habta tas-sebgha neqsin ghoxrin (6:40hrs) ta' filghodu Pulizija mid-Distrett tal-Mosta, PS1574 u PC1189, kienu telghin min-naha ta' Burmarrad lejn il-Mosta bil-vettura tas-servizz GVP-088 u kienu fuq il-*lane* ta' barra tat-*traffic* ftit metri mid-dawra ta' Vjal Millbrae fejn innutaw *bowser* bin-numru ta' registrazzjoni CBG407 tiela' bi *speed* eccessiv fuq in-naha ta' gewwa u pprova jaqla' l-vettura tas-servizz mil-lane ta' gewwa. Meta pprova jaqlaghhom, il-vettura tas-servizz ghal ftit ma ntlaqtitx u ghalhekk rega' gibed 'il gewwa. Dak il-hin laqat ciklist - li wara sar maghruf li kien Mr. Nicholas Briffa - w dan ic-ciklist spicca mal-art. Qal li l-pulizija waqfu biex jassistu lic-ciklist, li beda jilmenta li kellu wgigh f'dahru, w anke deher jistordi w jintilef minn sensih. Issejhet l-ambulanza fuq il-post li hadet lic-ciklist l-Isptar ghall-kura.

Gie mitkellem wkoll Clifton Mangion, is-sewwieq tal-*bowser,* u gie mistoqsi ghalfejn kien qed isuq b'dik il-manjiera. Dan stqarr li bilfors kellu jaghmel hekk biex jirranka ghat-telgha peress li kien mghobbi hafna.

Kompla li ghall-habta tad-disgha neqsin ghaxra (8:50) il-pulizija ghamlet kuntatt mall-*Casualty Department*, fejn gie mitkellem Dr. Justin Bugeja li ddikjara li l-vittma kien f'qaghda stabbli, imma kien qed isofri minn griehi ta' natura gravi w fil-fatt kellu xi *fracture* f'dahru. Wara li nhargu c-

certifikati medici ta' natura gravi, s-Sur Clifton Mangion gie nnotifikat li kienu ser jinhargu l-Akkuzi kontrih.

**In-Nutar Nicholas Briffa** xehed fis-26 ta' Awwissu, 2014 fejn ftakar li fit-22 ta' Gunju 2012, ghall-habta tas-sebgha neqsin kwart (6:45) ta' filghodu kien riekeb il-*bicycle* sejjer fid-direzzjoni lejn il-Mosta tiela' mit-Triq Burmarrad.

Ix-xhud kompla billi qal li waqt li kien qieghed fuq ir-rota ntlaqat min-naha tal-lemin tieghu mill-*bowser* li kien tiela' fl-istess direzzjoni tieghu. Rizultat ta' dan ic-ciklist gie mtajjar, waqa' fuq il-pedala w fil-warrani tieghu jidher li kellu *fracture* L1. Kellu brix fuq in-naha ta' barra jigifieri fuq in-naha tal-lemin ta' gismu propju fuq il-minkeb, kif ukoll fuq l-ghaksa. Ix-xhud kompla jghid li spicca ma' l-art, kellu wgigh kbir u ttiehed l-Isptar permezz tal-ambulanza. Ix-xhud tenna li fil-kommozzjoni, ra lill-imputat li kien qed isuq dan il-*bowser,* waqqaf it-trakk u nizel ghalih u fil-fratemp il-pulizija li kienu fil-vettura taghhom fuq in-naha ta' barra wkoll hargu w laqghuh il-Pulizija. Ix-xhud kompla jghid li mbaghad hassu hazin. Ikkonferma li l-Imputat odjern huwa l-istess sewwieq tal-*bowser* li laqtu.

Ix-xhud kompla li sussegwentement ir-rota li kien qieghed isuq ittiehdet mill-Pulizija tal-Ghassa w aktar tard filghodu kien mar it-tifel tieghu jigborha mill-Ghassa. Ix-xhud kompla jghid li filfatt ghamel sitt (6) gimghat *recovery* bil-*brase*, ma setax isuq u lanqas ma seta' johrog mid-dar.

Qal illi xi f'Lulju kien ikkomunika ma' Magri Cycles gewwa l-Mosta u kien ottjena stima tal-hsarat li kellu, liema stima tinsab esebita f'dawn l-atti a fol.27 tal-process, u li tammonta ghal elfejn erba' mija u tmienja u disghin Ewro (€2,498).

Briffa sostna li l-incident sehh f'dik il-parti tat-triq li minn *two lane* issir *one lane* u rrakkonta li hu kien qieghed mal-genb tat-triq fuq in-naha tax-xellug u propju f'dik il-parti tat-triq fejn hemm is-sinjal mat-triq fejn it-triq minn *two lane* issir *one lane*. Ix-xhud qal li gie milqut f'dik il-parti tat-triq li tidjieq u hemm sinjal mal-art fejn ix-xufiera jridu jkunu aktar attenti.

Ix-xhud kompla jghid li l-brix li kellu fuq in-naha tal-lemin ta' gismu fuq il-minkeb, kienet minn fejn gie milqut mill-*bowser*. Qal li naturalment il-*bowser* laqat il-*handle bar* tar-rota u b'hekk huwa tilef il-bilanc, tant hu hekk li fir-rapport jidher li l-*handle bar* tar-*racer* iccarrat. Qal li filfatt ir-*racer* ghadu hekk sal-lum.

**Paul Magri** xehed fit-13 ta' Ottubru, 2014 ghan-nom u in rapprezentanza ta' Magri Cycles. Ikkonferma li d-dokument esebit f'dawn l-atti a fol. sebgha u ghoxrin (27) hija stima li nharget minnu w fuqha gharaf il-firma tieghu. Rigward kemm kienet tiswa l-*bicycle* in kwistjoni fil-jum tal-incident qal li din stmaha fil-valur ta' elfejn, erba' mija tmienja u disghin Ewro (€2,498), izda hu ta wkoll il-valur tal-ispejjez li kieku kellhom jigu sostitwiti certu partijiet li kienu sofrew danni, w qal li l-hsara kienet tammonta ghal tliet mija u wiehed u ghoxrin Ewro (€321) oltre l-ispejjez tal-ispezzjoni tieghu u ta' jdejh fl-ammont ta' tlieta u hamsin Ewro (€53).

**Joe Borg** xehed fit-12 ta' Jannar, 2015 fejn qal li kien ezamina lil Nicholas Briffa xi gurnata wara li kien sehh l-incident, fejn sab li kellu ksur f'dahru u kellu bzonn operazzjoni. Ix-xhud stqarr li l-*injury* li kellu Nicholas Briffa kienet wahda serja pero' ma kinitx wahda ta' *permanent disability* ghalkemm fl-opinjoni tieghu jista' jkun hemm granet meta jkollu l-ugigh. Pero' xorta jikklassifika l-ugigh li kellu bhala dawk ta' natura gravi, ghax filfatt ghamel *internal fixation* f'dahar Nicholas Briffa billi dahhalu vireg u hadid f'dahru biex izomm l-istruttura tad-dahar. Dawn jitnehhew biss jekk ikun hemm il-bzonn, pero' dawn ser jibqghu hemmhekk ghal dejjem.

**Mr. Thomas Azzopardi** xehed fit-12 ta' Jannar 2015 fejn qal li jokkupa l-kariga ta' kosulent fl-Ortopedija. Ix-xhud qal li fil-fatt Nicholas Briffa kien dahal bhala pazjent waqt li hu kien tal-ghassa. Sussegwentament kien ghadda f'idejn it-*team* ta' Mr. Borg peress li l-*injuries* li kellu kienu fid-dahar u hu ma ghamel l-ebda intervent fuq Nicholas Briffa.

Rat l-affidavit ta' **Dr. Ada Watkinson** fejn stqarret li hi qatt ma nvistat lill-pazjent Nicholas Briffa u fil-fatt qatt ma ratu, izda giet imqabbda bhala parti mid-doveri taghha bhala *house officer* fi hdan l-Isptar Mater Dei biex tikteb id-*discharge letter* annessa. Ikkonfermat li l-istess *discharge letter* kitbitha hi. Iddikjarat li l-pazjent Nicholas Briffa dan l-isptar mit-22 ta' Gunju 2012 sat-30 ta' Gunju 2012. Hija kienet *house officer* taht l-ispecjalista Mr. Joe Borg u peress li l-pazjent kien ghamel operazzjoni taht Mr. Joe Borg giet imqabbda tikteb id-*discharge letter* li tinsab annessa.

Rat illi fid-9 ta' Settembru, 2015 gew moqrija l-Artikoli w l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

**Clifton Mangion** xehed fit-22 ta' Ottubru, 2015 fejn qal li jiftakar li fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju, tas-sena elfejn u tnax (2012) kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBG-407 u kien ghaddej minn Burmarrad gej minn San Pawl il-Bahar sejjer direzzjoni tal-Mosta.

Spjega li huwa kien qed isuq *bowser* u kien fuq il-*lane* ta' gewwa. Fuq in-naha ta' barra tat-triq kien hemm karozza tal-pulizija tiela' mieghu il-hin kollu w fl-ebda hin ma qabizha. Fuq in-naha ta' gewwa tieghu kien hemm ciklist u rah tiela' ukoll. Spjega illi hemmhekk it-triq minn *two* (2) *lane* issir *single lane* fejn hemm il-post tal-balavostri. Spjega li l-karozza tal-pulizija li kienet fuq in-naha tal-lemin tieghu ghaddiet qablu, xeghel l-

*indicator* u ghadda ghal warajha. X'hin qabad ezatt ghal fuq il-*fast lane* miexi 'l fuq mill-mera ra lil tar-rota jaqa' fuq il-bankina, w dana kien fuq in-naha tax-xellug tieghu, u dak il-hin waqaf. Qal li t-trakk dak il-hin kien diga' qabad fuq il-*fast lane.* Zied li naturalment ingema' hafna traffiku w nizel jara x'gara. Filfatt it-trakk hallih startjajt. Staqsieh jekk kellux bzonn xi haga, izda dan ma kellmux.

Il-pulizija x'hin raw it-trakk wieqaf waqfu wkoll u staqsewh x'gara u qalilhom li kien ra lil din il-persuna taqa' u nizel jara kellhiex bzonn xi haga. Sostna li l-pulizija kellmu lill-vittma w filfatt anke huwa kellimhom. Qalilhom li kien mugugh u li kien qed jintilef minn sensih. Jaf li mbaghad il-pulizija marru ftit 'il boghod mill-vittma w cemplu ghall-ambulanza. Qal li waqt li l-pulizija kienu resqu 'l hemm, huwa ra lill-vittma jaqbad il-mowbajl, ghalkemm kien qal li kien mitluf minn sensih, u x'hin ra hekk hass illi din il-persuna kienet se tibda twehhel fih. Zied li minnufih missieru mar fuq il-post. Waslet l-ambulanza w hu kellem lit-tabiba li qaltlu li ma kien jidher li ghandu xejn ghaliex fuq l-istrecer tela' wahdu. Jaf li l-pulizija qabad ir-rota u li r-rota ma kellha l-ebda girfa, ma kellha xejn. Il-pulizija mbaghad qallu biex imur ikompli fuq xogholu. Kompla li wara xi ghaxar (10) minuti l-pulizija cempillu w qallu li meta jkun ghaddej mill-Mosta kellu johdilhom kopja tal-licenzja u tal-*insurance*. Huwa kien mar minnufih fejn sab l-Ispettur, ghaddielu l-licenzja w gibidlu l-attenzjoni illi t-trakk tieghu kien mimli ghabra w spjegalu illi li kieku verament din il-persuna kienet laqtet mieghu, kien jaghmillu sinjal bir-rota u jkun jidher li kien hemm xi forma ta' kuntatt. Imbaghad qalulu li jekk ikun hemm xi ahbar kellhom jinfurmawh. Dana kien jum il-Gimgha. L-ghada s-Sibt qalulu li l-Ispettur ma kienx hemm pero' li kien se jkun hemm il-Hadd. Rega’ mar il-Hadd u qallu li hemmhekk jidher kollox sew u li r-rota gie hadha t-tifel tal-vittma stess. Qal li mbaghad daqshekk sema’ bil-kaz.

L-imputat in kontro ezami spjega li dan huwa trakk bil-bowser mieghu. Spjega illi l-parti t'isfel tal-*windscreen* tinsab xi zewg (2) metri 'l fuq mill-art. Mistoqsi kemm kien twil il-persuna ta' fuq ir-rota, wiegeb li ma jafx, pero' jahseb li kien twil hames (5) piedi zgur. Qal li t-trakk tieghu huwa *right and drive* u kompla li l-persuna fuq il-*bicycle* kienet ghaddejja fuq in-naha tax-xellug. Spjega illi huwa ghandu mera fuq in-naha tax-xellug u ghandu mera ohra zghira tahtha biex ikun jista' jissorvelja dak kollu li hemm tahtu. Huwa kien qed ihares lejn il-mera meta hareg fuq l-*outer lane*. It-trakk diga' kellu wiccu 'l barra fuq il-*fast lane* u naturalment kien ihares lejn il-mera u kien ghalhekk li induna li c-ciklist kien waqa', ghax rah mill-mera. Sostna li t-trakk kien diga' wiccu 'l barra, fuq il-lemin kien *settled* u ghalhekk kien qed ihares fuq in-naha tax-xellug.

Skont hu kien tielgha l-aktar b'erbghin (40) kilometru fis-siegha ghaliex kellu vjagg u kien tielgha telgha. L-imputat qal li xogholu huwa li jqassam l-ilma fid-djar. Sahaq li t-trakk m'ghandu l-ebda problema, izda naturalment ghandu l-piz, tant li anke jekk per ezempju tkun niezel niezla, trid tahseb hafna qabel ghaliex il-piz jimbotta filwaqt li naturalment meta jkun tielgha t-telgha jieqaf iktar malajr. Dak il-hin huwa kien tiela' t-telgha u meta huwa kien qabez ghall-*fast lane* kien diga' naqqas.

Cahad dak li qal is-Surgent 1574, cioe' li kellu *speed* eccessiv. Spjega li meta qal li kien qed iross, kien xeghellu l-*indicator* biex idur ghal warajh imbaghad huwa waqaf quddiemu meta ra li waqaf hu. Izda fl-ebda hin ma prova jiskapulah minn gewwa. Qal li ma jistax ikun dak li qal il-Pulizija, ghax hemmhekk dik il-parti tat-triq tidjieq waqt li l-bankina titwessa', w ghalhekk kieku pprova jaghmel dak li qal il-Pulizija kellu bilfors jitla' fuq il-bankina. Dak il-hin il-*bowser* tieghu kien mimli bl-ilma u zgur ma kellux aktar minn hamsin (50) kilometru fis-siegha bhala velocita'. Iddikjara li t-trakk tieghu jesa' erbat elef (4000) gallun, ekwivalenti ghal iktar minn tnejn u ghoxrin (22) tunnellata.

L-imputat sostna li mhuwiex minnu li huwa f'xi hin ipprova jaqla' lis-Surgent minn gewwa. Qal li lic-ciklista rah ghaddej minn quddiemu qabel l-incident u meta rah dan kien ghoxrin (20) metru qablu w filfatt dan kien fuq it-triq ghaliex filfatt il-*bicycle lane* qeghda fuq in-naha l-ohra tat-triq. Qal li wara l-bankina hemm it-triq mill-ewwel u c-ciklista kien ma' genb il-bankina. Insista li huwa fl-ebda hin ma mess lic-ciklista, anzi sostna li li kieku messu bir-rota kien joqtlu.

Ghal darb' ohra qa li mhux minnu dak li qal is-Surgent 1574 fl-affidavit tieghu, ghaliex kieku huwa rass 'il gewwa baqa' tielgha fuq il-bankina. Tenna li hu fl-ebda hin ma mess ic-ciklist u li meta ra lic-ciklist jaqa' mill-mera, t-trakk kien diga' fuq il-*fast lane*.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2015 fejn talbu wkoll lil din il-Qori tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat:

Illi a skans ta' ekwivoci l-Qorti thoss li f'dan l-istadju ghandha tissottolinea, kif diga ghamlet f'kazijiet simili, li hija trid tiggudika lill-imputat a bazi tal-provi prodotti fil-konfront tieghu u konsegwentement l-unici provi relevanti ghal kaz in ezami huma dawk akkwiziti f'dan il-process. Dak li jista' jirrizulta fi proceduri ohra, anke jekk konnessi mal-kaz odjern, jew dak li possibilment irrizulta lill-pulizija fil-kors ta' l-investigazzjoni aktar wiesgha in konnessjoni ma' dan il-kaz, huma ghal kollox irrelevanti.

Illi d-difiza bdiet bid-difiza taghha billi spjegat lill-Qorti li l-imputat ghandu jigi trattat bhala kwalunkwe imputat iehor u m'ghandux jigi ppregudikat ghaliex fil-fatt fera professjonist jew ahjar membru tal-professjoni legali.

Id-difiza fakkret lill-Qorti li l-vittma ghandu jigi kkunsidrat daqslikieku kien persuna kwalsiasi ohra.

Din il-Qorti taghmilha cara li hija qatt ma harset lejn l-ucuh, la ta' min gie akkuzat quddiemha w daqstant iehor ta' min safa vittma, w dan ghaliex il-gustizzja m'ghandux ikollha wcuh u ghalhekk, m'hemmx dubbju li din il-Qorti sejra tittratta mar-reati li gew kommessi w konsegwentement ser televa ruhha mill-persuna li giet feruta.

Illi f'dan il-kaz l-imputat gie akkuzat talli nhar it-22 ta' Gunju 2012 waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni CBG-407 gewwa Triq Burmarrad, San Pawl il-Bahar, b'manjiera perikoluza, b'velocita' aktar milli jmissu w b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni w b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis lejn ir-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Nicholas Briffa.

Illi mill-provi akkwiziti, w dan mhux kontestat la mill-imputat u lanqas mill-Prosekuzjoni, jirrizulta illi huwa minnu li nhar it-22 ta' Gunju 2012 huwa kien ghaddej minn Triq Burmarrad bil-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni CBG-407 u li ma' genbu fuq ix-xellug tieghu kien ghaddej Nicholas Briffa bir-rota tieghu, u li effettivament dakinhar Briffa kien wegga' gravement, kif stqarr il-Kirurgu Mr. Joe Borg. Pero' filwaqt li l-Prosekuzzjoni tghid li kien l-imputat li kkaguna dawn il-feriti nvolontarji fuq il-persuna ta' Nicholas Briffa ghaliex laqtu fuq ix-xellug tieghu bit-trakk meta qabadlu l-*handle* tar-rota w dan tilef il-bilanc u waqa' mal-art, l-imputat jghid li fl-ebda hin ma messu, izda ra lil Briffa jaqa' mal-art mill-mera li ghandu fuq in-naha tax-xellug tieghu. Jirrizulta li hadd mill-pulizija li xehdu ma seta' jara l-incident isehh u dan ghaliex kienu quddiem it-trakk u ghalhekk il-vista taghhom kienet ostakolata mit-trakk ghalkemm ikkonfermaw li raw lic-ciklista mal-art.

Jigi nnotat, u tali agir qed jigi kkundannat, li l-affidavits rilaxxjati miz-zewg ufficcjali tal-pulizija li nzertaw kienu ghaddejjin mill-istess triq dakinhar tal-incident, huma identitici. Dan ifisser li z-zewg xhieda, li taw l-istqarrija taghhom fl-istess hin, ma setghux juzaw l-istess kliem. Ghaldaqstant din il-Qorti ssostni li x'aktarx li dan kien affidavit rilaxxjat minn wiehed minnhom u possibilment ix-xhud l-iehor abbraccja l-kontenut tieghu. Din il-Qorti taghmilha cara li din mhix il-manjiera kif il-pulizija ghandha tressaq il-provi taghha w meta jigri hekk, ghaliex jista' jaghti l-kaz li l-Ufficcjal Prosekutur ma jkunx l-istess Ufficcjal Investigattiv, dan ghandu jressaq lix-xhieda sabiex jixhdu *viva voce* fil-Qorti, sabiex il-verzjoni tax-xhud tkun aktar preciza w tassomilja l-verita'.

Illi din il-Qorti sejra taghmel l-apprezzament fuq il-provi mismugha w fuq il-kredibilita' tax-xhieda, w dan ghamlitu skond dak li jiddisponi l-Artikolu 637 tal-Kap. 9, u cioe' ghamlet apprezzament tax-xhieda billi hadet in konsiderazzjoni l-imgieba, l-kondotta w il-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhomx mis-sewwa jew hix konsistenti, rat x'interess seta' kellu xhud f'dak li qal u l-konsistenza tieghu.

Illi m'hemmx dubju li din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti li huma konfliggenti, dik esposta mill-Prosekuzzjoni li tallega li kien l-imputat li laqat lic-ciklist u kkagunalu feriti ta' natura gravi, w dik tad-

difiza li qed tichad li l-imputat f'xi hin mess lic-ciklist u kkagunalu feriti ta' natura gravi.

L-akkuza principali moghtija fil-konfront ta' l-imputat hija dik naxxenti mill-Artikolu 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Kunsiderazzjonijiet Legali.**

L-**Artikolu 225 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta li biha huwa akkuzat l-imputat, jipprovdi s-segwenti:

> "*Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd, jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn ...*".

Kif inghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998, "*Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju (jew ferita gravi kif inhu il-kaz in desamina), hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju*".

Sabiex tipprova dan, il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi

*iuxta allegata et probate*. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti w ipprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb '*imprudenza*', '*negligenza*' jew '*traskuragni*' jew ta' hila, ta' *'imperizja'* fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.

Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi.

Il-konnotat karatteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha *'colpa incosciente'* a differenza minn dik imsejha *'colpa cosciente'*, li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Leonard Grech** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-5 ta' Settembru, 1990 dik il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kazi w iccitat il-gurist **Francesco Carrara** li jghid hekk dwar il-culpa:-

*"… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo –*

*1. Volontarieta` dell'atto –*

*2. Mancata previsione dell'effetto nocivo –*

*3. Possibilita` di prevedere."*[1]

Bl-istess mod, il-**Professur Anthony J. Mamo**, fin-noti tieghu, jghid hekk:

"*In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable*".[2]

U fis-sentenza fuq citata ta' **Rini Borg et**, gie ritenut hekk dwar il-kondotta kolpuza:

"*… kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali".*

L-imprudenza tekwivali ghal "*un atto inconsiderato e rischioso*" maghmul b'"*leggerezza" jew "sconsideratezza*"[3] u kif jghid **Antolisei**, "*L'imprudenza e` propriamente l'avventatezza, l'insufficiente ponderazione ed implica sempre una scarsa considerazione per gli interessi altrui*".[4]

U kif insibu fin-**Novissimo Digesto Italiano**, "*Si comporta con imprudenza chi tiene una condotta positiva dalla quale occorreva*

[1] Carrara F., "Programma Del Corso Di Diritto Criminale", Vol. I (Parte Generale), p. 88.

[2] Dizionario Zingarelli, (2002) "Vocabalorio della Lingua Italiana", Nicola Zingarelli (Edizzjoni 12, Gunju 2001).

[3] Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p. 67.

[4] Antolisei F., "Manuale di Diritto Penale: Parte Generale", Edizzjoni 15 (Giuffre`, 2000), p. 366.

*astenersi perche` capace di cagionare un determinato evento di danno o di pericolo, o che e` stata compiuta in modo non adatto, cosi` da essere, pericolosa per l'altrui diritto penalmente tutelato. E`, quindi, una forma di avventatezza, un agire senza cautela.*"[5]

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et,** fuq citata inghad illi "*L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli*".

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni w disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu, fil-waqt illi "*l-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe`, kif jghid il-**Manzini**: inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto*".[6]

Skond l-imsemmija sentenza, "*Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi, cioe`, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni.*" Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghalhekk ghal non osservanza tal-ligijiet u regolamenti bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-**Ordinanza tat-Traffiku** (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-**High Way Code – Motor Vegicle Regulations**, fost regoli ohrajn.

Dwar id-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali, **il-Professur Anthony Mamo jghid** illi:

[5] *Novissimo Digesto Italiano, Vol. III, p. 548.*
[6] *Il-Pulizija vs Saverina sive Rine Borg, fuq citata.*

"*The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" ... What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (Carrara, Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry.*

*Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down.*"[7]

Din hija wkoll il-posizzjoni adottata mill-Qrati taghna, kif jirrizulta car mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Marzu 1996, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Grech**, fejn gie ritenut illi "*ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik il-persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-bonus paterfamilias, dik il-kondotta, cioe`, illi fil-kaz konkret, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita` normali; kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih, fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret*".

Illi pero' huwa l-imputat biss li huwa akkuzat quddiem din il-Qorti w ghalhekk il-Qorti hawn tistaqsi, 'X'inhuma l-obbligi tas-sewwieq fil-

[7] *Lectures in Criminal Law (First Year), p. 71.*

posizzjoni tieghu?’ Ir-risposta tohrog direttament mil-Ligi w senjatament mill-**Artikoli 225 u 226 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jimporta li l-Prosekuzzjoni trid tipprova f'kazijiet bhal dawn odjerni, li l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz ir-regolamenti tat-traffiku. Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Illi minn ezami tal-**Artikolu 15 tal-Kap. 65** tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe’ mill-Ordinanza tar-Regolamenti tat-Traffiku, jirrizulta li huwa reat min isuq b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluza.

Dwar dan l-artikolu tal-ligi, l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-6 ta' Mejju 1997, fil-kawza fl-ismijiet il-**Pulizija vs Alfred Mifsud** qalet hekk:

*"Sewqan traskurat (negligent driving) huwa kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn jew li ma jilhaqx l-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku, kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita’ ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

*Sewqan bla kont huwa deskritt fis-sub artikolu tal-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan bi traskuragni kbira. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatmanet jiehu r-riskju fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilita’ ta' hsara*

*li tista' tirrizulta lil terzi kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*

*Sewqan Perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' periklu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dan il-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-hin u l-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi w d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati."*

In oltre Ir-**Regolament 59 tal-Highway Code** jipprovdi li:

"*The driver of any motor vehicle whether on a major or a minor road, shall at all times, exercise due care and take all necessary precautions at any road junction."*

"*The more risky and difficult the movement or manouvre, the greater the duty incombent on the driver."* [vide **Lord Clyde** '***Leading Case***' Hutchinson & Leslie 1927].

Issa gie deciz illi min ma jarax dak li ragjonevolment ghandu jara, jfisser li ma jkunx qed jzomm *a proper lookout*. [vide sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is17 ta' Gunju 1961 fl-ismijiet **Il-Pulizija v J.M. Laferla**.]

Ghalhekk filwaqt li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, d-difiza m'ghandha taghmel xejn u tista' tistrieh biss fuq il-provi mressqa, tant li l-imputat mhux obbligat

li jixhed. Minekkja dan l-imputat ghazel li jixhed u jaghti l-versjoni tieghu ta' dak li gara.

L-imputat - li deher konsistenti f'dak li jghid - spjega kif dakinhar tat-22 ta' Gunju 2012 huwa kien ghaddej bi vjagg ilma minn Triq Burmarrad u ma' genbu fuq il-lemin kien hemm karozza tas-servizz misjuqa mill-pulizija filwaqt li fuq l-*inner lane* kien hemm ciklist. Jghid li huwa kien konxju ta' dan ic-ciklist u rah meta kien ghadu xi ghoxrin (20) metru 'l boghod quddiemu. Jghid li l-vettura tas-servizz kienet miexja ma' genbu sakemm waslu ghal dik il-parti tat-triq fejn l-istess triq minn *two lane* issir *one lane*. Jghid li huwa stenna sakemm il-vettura tas-servizz kienet quddiemu, u wara li hares mill-mera hareg ghal fuq l-*outer lane*. Jghid li mill-mera ra lic-ciklist jaqa' mal-art u minnufih waqaf biex jara jekk kellux bzonn xi haga. Jghid li l-pulizija li kienu rikbin quddiemu waqfu wkoll, meta raw li huwa kien waqaf. Huwa jichad li mess lic-ciklist u filfatt jghid li anke talab lill-pulizija jara jekk kienx hemm xi sinjal fuq it-trakk tieghu, u dan gie konfermat minn PS 1574 li jghid li marki fuq it-trakk ma kienx hemm. Jirrizulta mid-dokument esebit fl-atti a fol. 27 mahrug min Magricylces li fost id-danni li kien hemm fuq ir-rota kien hemm hsara fuq il-l*eft hand shifter cover* u ghalhekk dan jindika l-hsara fuq ir rota meta c-ciklist waqa' fuq ix-xellug tieghu. Ma jidhirx li kien hemm xi daqqa fuq il-lemin, li setghet tindika li effettivament intmess fuq il-lemin bhalma stqarr ic-ciklist fix-xhieda tieghu. In oltre marki fuq il-vettura misjuqa mill-imputat ma kienx hemm.

Il-Pulizija PS 1574 fl-affidavit tieghu jghid li ra lic ciklist jaqa' wara li gie milqut mill-vettura w addirittura din ix-xhieda hija konfermata fl-affidavit ta' PC 1184. Pero' meta dan PS 1574 xehed fil-Qorti biddel il-verzjoni tieghu u qal li effettivament l-incident *per se* ma rahx isehh ghaliex it-trakk kien qed jostakolalu l-vista, pero' kkonferma li c-

ciklist kien mal-art. Stramba pero' li PC 1184 ma xehdx u ghalhekk ix-xhieda tieghu ma tistax titwemmen u dan ghaliex fil-posizzjoni li kien il-pulizija, l-incident ma setax jarah.

PS 1574 kif ukoll PC 1184 jghidu li l-imputat kien qed isuq bi *speed* eccessiv, pero' ma jghidux kemm kien l-i*speed* tieghu, jghidu biss li kienu qed isuqu ma' genbu. Haga ta' l- iskantament pero' l-pulizija ma hassewx il-htiega li jharrkuh ghal *over speeding* izda tawh din l-akkuza meta waqfu jaraw x'gara minhabba l-incident tac-ciklist u ghalhekk kieku dan l-incident ma sehhx tali akkuza ma kinitx ser tinghata w ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-provi l-Qorti mhix konvinta li effettivament l-imputat verament kien qed isuq bi *speed* eccessiv jew b'manjiera perikoluza. Huwa mprobabbli li l-imputat kien qed isuq bi *speed* eccessiv anke meta tqis li hu kien jaf li fuq il-lemin tieghu kien hemm il-pulizija fil-vettura taghhom li kellha r-*right of way* li tkompli fuq il-karreggjata taghha w li kien ser ikun hu li jidhol ghal karreggjata fejn kienet hi.

Illi mill-provi prodotti l-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova n-*nexus* bejn l-feriti li sofra c-ciklist u s-sewqan tal-imputat u li ghalhekk kien l-imputat li ghandu jwiegeb ghal dawn il-feriti, w dan dejjem qed jinghad fid-dawl tal-provi mressqa.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, w cioe' l-**Artikolu 226 tal-Kapitolu 9, Artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, L.S. 65.11 u MVR 127, tiddikjara li ma ssibx lill-imputat CLIFTON MANGION hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.**

**Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**